VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,235, 11 ta' April, 2014

Taqsima B

A.L. 123 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Pharmacology or Clinical Pharmacology taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Pharmacology or Clinical Pharmacology, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Pharmacology or Clinical Pharmacology, taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 322 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-24 ta' Jannar, 2014 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Is-sottoparagrafu (b) li ġej għandu jiżdied wara s-sottoparagrafu (a) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali:

"(b) il-grad ta' Master of Dental Surgery mogħti minn Lulju 2018 'il quddiem; jew"

4. Is-sottoparagrafi (b) u (ċ) tal-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mil-ġdid bħala s-sottoparagrafi (ċ) u (d).

5. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Id-dħul tal-applikanti skont il-paragrafu (ċ) ta' dan l-ordinament bit-Tielet Klassi bl-Unuri, li jkunu kisbu kwalifiki oħra, inkluża esperjenza rilevanti wara l-grad tal-ewwel ċiklu, jista' jkun jiddependi mir-riżultati ta' valutazzjoni skont kif il-Bord iqis xieraq."